**KunsillLokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 30

17 t'Ottubru 2016

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Daniel Zerafa – Kunsillier

ASSENTI
Janice Chetcuti – Kunsilliera
Stephen Caruana - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## 30.1 Triq Xatt is-Sajjieda (Zoni Riservati ghas-Sajjieda)

30.1.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera prezenti illi l-laqgha kienet issejhet bil-ghan illi jigi stabbilit x'azzjonijiet u responsabilitajiet kellu jerfa' l-Kunsill Lokali fir-rigward ta' zoni li kienu riservati ghas-sajjieda matul Triq Xatt is-Sajjieda

30.1.1 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi kellha tigi proposta emenda ghal sett ta' bye-laws ezistenti (Bye-laws numru 363.177) li kienu tirregolaw karrijiet u oggetti ta' ingombru. Mill-bye-laws imsemmija kellha titnehha zona li kienet tinstab bejn Ufficcju ghall-informazzjoni tat-turisti u binja tal-koperativa tas-sajjieda li fl-istess bye-laws kienet riservata ghas-sajjieda.

30.1.2 Gie maqbul ukoll illi kellu jsir kuntatt mal-ufficcju tal-Avukat Veronique Dalli bil-ghan illi jigi abbozzat sett ta' bye-laws li kellhom l-ghan ewlieni li jirregolaw zoni fi Triq Xatt is-Sajjieda li kienu jintuzaw sabiex fil-konfini taghhom jittellghu opri tal-bahar fuq l-art. Permezz tas-sett ta' bye-laws proposti, filwaqt li jerfa' r-responsabilita' taz-zona, il-Kunsill Lokali kellu jinkludi fil-bye-laws numru ta' proposti bil-ghan illi kemm jista' jkun jitnaqqsu l-abbuzi u jinghataw opportunitajiet ugwali lil min ikun jixtieq juza z-zoni in-kwistjoni.

Konfermati, illum 17 ta' Novembru 2016

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| _______________ | _________________ |
| Horace Gauci | Duncan Hall |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |